# Ħolma bi Tliet Saffi

Andrew Debono Cauchi

Nippassiġġa fl-għoljiet tal-Highlands
qalb ħaxix lixx imdellek sa qaddi
donni fuq qorriegħa
ta' tifla żnella bil-fragranza
ta' rebbiegħa mielħa tiżfen minn
imnieħri għall-pulmun
jien u niżloq mal-erbat irjieħ
fid-dlam ta'
lejl Skoċċiż.

Stivat kokka fuq xtajta
b'saqajja mkeffna
fid-drapp trasparenti tal-baħar
nistudja r-ramliet tesseri ta' możajk
imwaħħla flimkien
bit-tfarfira tal-alka
tiffurmahom quddiemi,
jġegħluni naqra
Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lit-Tessalonikin.

Dehritli tifla mkittfa
liebsa l-bjuda tal-mewt
tiddikjara
7 snin ħajja u
3 mejta
ddawwarni f'forom infiniti ma' xatt
tipponta lejn
ġismi ltim
jitliegħeb fl-ilma.

"Mbagħad jinkixef il-Ħażin, u l-Mulej Ġesù
joqtlu f'nifs fommu u jeqirdu bid-dija
tal-preżenza tiegħu." (2 Tess 2:8)